REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 416/2014

tat-23 ta' April 2014

li jwassal għall-ftuħ u l-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji tal-Unjoni għall-importazzjoni ta' ċerti ċereali li joriġinaw mill-Ukraina

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-punti (a) u (c) tal-Artikolu 187 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 374/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) primarjament jipprevedi l-ftuħ ta' kwoti tariffarji fuq l-importazzjoni ta' ċerti ċereali li joriġinaw mill-Ukraina sal-31 ta' Ottubru 2014. Il-kwoti tariffarji għall-prodotti agrikoli msemmija fl-Anness III ta' dak ir-Regolament jiġu amministrati mill-Kummissjoni skont ir-regoli stabbiliti skont l-Artikolu 184(2)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

(2) Sabiex iċ-ċereali li joriġinaw mill-Ukraina jkunu jistgħu jiġu impurtati b'mod regolari u mhux spekulattiv fil-kuntest tal-kwoti tariffarji, jeħtieġ li jkun previst li dawn l-importazzjonijiet ikunu suġġetti għall-ħruġ ta' liċenzja tal-importazzjoni. Għaldaqstant, ir-Regolamenti (KE) Nru 1301/2006 ([3]), (KE) Nru 1342/2003 ([4]) u (KE) Nru 376/2008 ([5]) japplikaw mingħajr preġudizzju għad-derogi li jistgħu jiġu previsti b'dan ir-Regolament.

(3) Sabiex tiġi żgurata amministrazzjoni korretta ta' dawn il-kwoti, għandhom jiġu stabbiliti d-dati ta' skadenza għat-tressiq tal-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni u għandha tiġi speċifikata l-informazzjoni li għandha tiġi inkluża fl-applikazzjonijiet u fil-liċenzji.

(4) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1006/2011 ([6]) issostitwixxa l-kodiċijiet tan-NM taċ-ċereali msemmija fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ([7]) b'kodiċijiet ġodda li issa huma differenti minn dawk imsemmija fir-Regolament (UE) Nru 374/2014. Għaldaqstant, l-Anness I ta' dan ir-Regolament għandu jirrifletti l-kodiċijiet tan-NM l-ġodda.

(5) Peress li l-kwoti msemmija fl-Anness III tar-Regolament (UE) Nru 374/2014 huma miftuħa biss sal-31 ta' Ottubru 2014, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ mill-aktar fis possibbli.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

---

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 374/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar it-tnaqqis jew l-eliminazzjoni tad-dazji doganali fuq oġġetti li joriġinaw mill-Ukraina (ĠU L 118, 22.4.2014, p. 1).

([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awwissu 2006 li jistabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni ta' kwoti ta' tariffi fuq l-importazzjoni għal prodotti agrikoli ġestiti b'sistema ta' liċenzji ta' importazzjoni (ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13).

([4]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1342/2003 tat-28 ta' Lulju 2003 li jistabbilixxi regoli speċjali u dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' liċenzji tal-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' ċereali u ross (ĠU L 189, 29.7.2003, p. 12.).

([5]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 376/2008 tat-23 ta' April 2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati komuni għall-applikazzjoni tas-sistema tal-liċenzji tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni u ta' ċertifikati ta' ffissar bil-quddiem għal prodotti agrikoli (ĠU L 114, 26.4.2008, p. 3).

([6]) Ir-Regolament (UE) Nru 1006/2011 tas-27 ta' Settembru 2011 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni (ĠU L 282, 28.10.2011, p. 1).

([7]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-ftuħ u l-immaniġġjar tal-kwoti tariffarji

1. Il-kwoti tariffarji fuq l-importazzjoni ta' ċerti prodotti li joriġinaw mill-Ukraina li huma elenkati fl-Anness ta' dan ir-Regolament għandhom jibqgħu miftuħin sal-31 ta' Ottubru 2014.

2. Ir-rata tad-dazju fuq l-importazzjoni fil-limiti tal-kwoti tariffarji msemmija fil-paragrafu 1 hija ta' EUR 0 għal kull tunnellata.

3. Għandhom japplikaw ir-Regolamenti (KE) Nru 376/2008, (KE) Nru 1301/2006 u (KE) Nru 1342/2003, u dan jekk kemm-il darba ma jkunx previst mod ieħor f'dan ir-Regolament.

Artikolu 2

L-applikazzjoni għal-liċenzji tal-importazzjoni u l-ħruġ tagħhom

1. B'deroga mill-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006, l-applikant ma jistax iressaq aktar minn applikazzjoni waħda għal liċenzja tal-importazzjoni għal kull numru tal-ordni u dan darba kull ġimgħa. F'każ li l-applikanti jressqu aktar minn applikazzjoni waħda, l-ebda waħda minnhom m'għandha tintlaqa' u l-garanziji li jkunu ġew iddepożitati meta jkunu tressqu l-applikazzjonijiet imorru għand l-Istat Membru kkonċernat.

L-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni għandhom jitressqu għand l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kull ġimgħa, sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa fis-13:00, ħin ta' Brussell. Ma jistgħux jitressqu wara nhar il-Ġimgħa, is-17 ta' Ottubru 2014 fis-13.00, ħin ta' Brussell.

2. Kull applikazzjoni għal liċenzja tal-importazzjoni għandha tindika kwantità f'kilogrammi, mingħajr deċimali, li ma tistax tkun iktar mill-kwantità totali tal-kwota kkonċernata.

3. Il-liċenzji tal-importazzjoni għandhom jinħarġu fir-raba' jum tax-xogħol min-notifika msemmija fl-Artikolu 4(1).

4. Fil-kaxxa 8 tagħhom, l-applikazzjoni għal-liċenzja tal-importazzjoni u l-liċenzja tal-importazzjoni għandhom juru l-isem "L-Ukraina" u salib fil-kaxxa "iva". Il-liċenzji huma validi biss għall-prodotti li joriġinaw mill-Ukraina.

Artikolu 3

Il-validità tal-liċenzji tal-importazzjoni

Skont l-Artikolu 22(2) tar-Regolament (KE) Nru 376/2008, il-perjodu ta' validità tal-liċenzja tal-importazzjoni għandu jiġi kkalkulat minn dakinhar stess li tinħareġ.

Il-perjodu ta' validità tal-liċenzja tal-importazzjoni hu dak iddefinit fl-Artikolu(6)(1)(b) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1342/2003. F'kull każ, dan ma għandux jaqbeż il-31 ta' Ottubru 2014.

Artikolu 4

Notifiki

1. Sa mhux aktar tard mit-Tnejn ta' wara l-ġimgħa tat-tressiq tal-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni, l-Istati Membri għandhom jibagħtu dikjarazzjoni elettronika lill-Kummissjoni, sa mhux aktar tard mis-18:00, ħin ta' Brussell, li tinnotifika, skont in-numru tal-ordni, kull applikazzjoni bl-oriġini tal-prodott u l-kwantità mitluba, inklużi d-dikjarazzjonijiet "nulli".

2. Dakinhar tal-ħruġ tal-liċenzji tal-importazzjoni, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw elettronikament lill-Kummissjoni l-informazzjoni dwar il-liċenzji li jkunu nħarġu, imsemmija fl-Artikolu 11(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006, bil-kwantitajiet totali li għalihom ikunu nħarġu l-liċenzji tal-importazzjoni.

Artikolu 5

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' April 2014.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

ANNESS

Irrispettivament mir-regoli għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, il-kliem tad-deskrizzjoni tal-prodotti għandu jitqies bħala ta' valur indikattiv biss, minħabba li l-applikabbiltà tal-arranġamenti preferenzjali, fil-kuntest ta' dan l-Anness, tiddependi mill-ambitu tal-kodiċijiet tan-NM. Meta huma indikati l-kodiċijiet ta' qabel tan-NM (il-kodiċijiet "ex"), l-użu tal-iskema preferenzjali għandu jiġi stabbilit abbażi tal-kodiċi tan-NM u tad-deskrizzjoni tal-prodott.

Numru tal-ordni	Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni tal-prodotti	Kwantità
09.4306	1001 99 (00)	spelt, qamħ komuni u meslin, minbarra ż-żerriegħa	950 000 tunnellata
	1101 00 (15-90)	dqiq tal-qamħ komuni u tal-ispelt, dqiq tal-meslin	
	1102 90 (90)	dqiq taċ-ċereali ħlief il-qamħ, il-meslin, is-segala, il-qamħirrum, ix-xgħir, il-ħafur, ir-ross	
	1103 11 (90)	qamħ komuni u spelt miṫun oħxon u dqiq oħxon tagħhom	
	1103 20 (60)	gerbub tal-qamħ	
09.4307	1003 90 (00)	xgħir, minbarra ż-żerriegħa	250 000 tunnellata
	1102 90 (10)	dqiq tax-xgħir	
	ex 1103 20 (25)	gerbub tax-xgħir	
09.4308	1005 90 (00)	qamħirrum minbarra ż-żerriegħa	400 000 tunnellata
	1102 20 (10-90)	dqiq tal-qamħirrum	
	1103 13 (10-90)	qamħirrum miṫun oħxon (groats) u pasta tal-qamħirrum	
	1103 20 (40)	gerbub tal-qamħirrum	
	1104 23 (40-98)	ħbub oħrajn maħdumin tal-qamħirrum	